# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 13 ta' Ġunju 2025**

**Rikors Ġuramentat Nru. 360/2021**

**Nru: 1**

## John Burlo

**v**

## *Accountant General* bħala kap tad-Dipartiment tat-Teżor, Direttur tas-Sigurtà Soċjali bħala kap tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, il-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u l-Avukat tal-Istat

**Daħla**

1. Is-sur Burlo kien fis-servizz pubbliku, u irtira fl-2010. Jgħid li minn meta rtira, id-dritt tiegħu għall-pensjoni nħadem ħażin, b'mod minn dakinhar 'l hawn rċieva inqas minn dak li kellu dritt għalih; u li jekk ma jissewwiex l-iżball, hu ser ikompli jirċievi inqas milli suppost.

2. Il-kwistjoni hi jekk, fil-kalkolu, kellhiex titqies *responsibility allowance* li s-sur Burlo kellu dritt għaliha skont Ftehim Kollettiv tas-6 ta' Novembru 2009.

**Il-fatti**

3. Ftit li xejn hemm kontestazzjoni fattwali f'dan il-każ.

4. Is-sur Burlo ġie impjegat mas-servizz pubbliku fl-1967. B'effett mill-1 ta' Jannar 2002 kompla l-impjieg tiegħu fis-servizz pubbliku mal-Uffiċju tal-Uditur Ġenerali.[1]

5. Irtira fit-13 ta' Lulju 2010, iżda baqa' jaħdem fl-imsemmi Uffiċju bħala konsulent sal-2019.[2]

6. Il-posizzjoni tas-sur Burlo mal-Uffiċju kienet dik ta' Audit Manager. Il-ħlas li kellu jirċievi fid-data li fiha rtira kien skont dak miftiehem fil-Ftehim Kollettiv bejn l-Uffiċju u l-Union Ħaddiema Magħqudin, liema ftehim kien għall-perjodu 1 Jannar 2008 – 31 ta' Diċembru 2012.[3] Il-ħlas li kien dovut lis-sur Burlo kien maqsum bejn dak li, fil-ftehim, jissejjaħ salarju,[4] u ħlasijiet li jissejħu *allowances*,[5] fosthom dik li tissejjaħ *responsibility allowance*. Din l-*allowance* tidher li kienet titħallas lill-impjegati kollha, iżda f'perċentwali li kienet tvarja skont il-grad. L-*allowance* hi deskritta hekk:

> By way of market correctivity measure and in view of the special nature of the duties involved NAO employees are entitled to an allowance which is based as a percentage of the basic salary. The rates are those listed in the table hereunder and are paid together with the salalary on a monthly basis. The allowance is effective from 1st January 2009.[6]

7. Meta, fl-2010, nħadmet il-pensjoni tas-sur Burlo mid-Dipartiment tat-Teżor, ir-*responsibility allowance* ma tqiesitx bħala parti mill-ħlas pensjonabbli tiegħu. Tqies biss dak li, anki fil-Ftehim Kollettiv, jissejjaħ salarju.

---

[1] Ara affidavit tas-sur Burlo, paġni 315 – 316
[2] *Ibid.*
[3] Dok A mar-rikors ġuramentat
[4] Appendix A, paġna 22 (quddiem)
[5] Appendix B, paġni 22 (fuq wara) sa 24 (quddiem).
[6] Appendix B, paġna 24 (tabella mhix inkluża).

8. Qabel ma rtira, is-sur Burlo kien kiteb lill-Uditur Ġenerali u esprima l-fehma li r-*responsibility allowance* kellha titqies bħala parti mill-ħlas pensjonabbli.[7] Fl-2016, jew forsi anki qabel, kien ressaq ilment quddiem l-Ombudsman, iżda mhux ċar x'ġara minnu.[8]

9. Reġa' qajjem il-kwistjoni fiż-żmien li spiċċa minn konsulent. Billi l-pożizzjonijiet rispettivi tal-partijiet baqgħu l-istess, infetħet din il-kawża.

**It-talbiet**

10. It-talbiet tas-sur Burlo huma dawn:

1 Tiddikajra li l-hekk imsejha "Responsibility Allowance" li inghatat lill-esponenti fil-ftehim kollettiv fuq imsemmi data 6 ta' Novembru, 2009 bejn l-Ufficcju Nazzjonali tal-Verifika u l-Union Haddiema Maghqudin hija parti integrali tal-"hlas pensjonabbli" tal-esponenti;

2 Tiddikjara kemm hija u tillikwida il-Pensjoni tat-Tezor pagabbli lill-esponenti a tenur tal-Kap. 93 tal-Ligijiet ta' Malta a bazi tal-"hlas pensjonabbli" ("pensionable emoluments") kollu li l-esponenti kellu meta kien ghadu impjegat mal-imsemmija Ufficcju Nazzjonali tal-Verifika, liema hlas pensjonabbli ghandu biex ikun shih jinkludi dak li fl-imsemmi ftehim kollettiv bejn l-istess Ufficcju Nazzjonali tal-Verifika u l-Union Haddiema Maghqudin datat 6 ta' Novembru, 2009 hu imsejjah "Responsibility Allowance" izda li fir-rejalta' hija parti integrali mis-salarju

3 Tordna u tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jibdew jhallsu lill-esponenti b'effett immedijat il-Pensjoni tat-Tezor kif stabbilita skont it-talbiet precedenti;

4 Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli jhallsu lill-esponenti l-arretrati kollha fil-hlas tal-pensjoni li hu ma thallasx minhabba li l-konvenuti jew min minnhom ma kkunsidrawx l-hekk imsejha "Responsibility Allowance" bhala parti integrali tal-"hlas pensjonabbli" tal-esponenti;

5 Tillikwida l-ammont dovut lill-esponenti skont ir-raba' talba;

6 Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-esponenti l-ammont hekk likwidat skont ir-raba' u l-hames talba.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 180/2021 datata 15 ta' Jannar, 2021 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

[7] Ara paġna 53 (quddiem u wara)
[8] Ara paġna 294

**Id-difiża**

11. Il-konvenuti ressqu difiża f'tnax-il punt.[9] Mhux meħtieġ, għall-finijiet ta' din is-sentenza, li tiġi riprodotta d-difiża kollha. Biżżejjed jingħad li, fil-fehma tal-konvenuti, is-sur Burlo tilef id-dritt li jressaq il-pretensjonijiet għaliex dan kellu jagħmlu fi żmien sitt xhur minn meta sar jaf kif inħadmet il-pensjoni; u li, jekk l-azzjoni ma ntilfitx minħabba li għadda ż-żmien, il-pensjoni nħadmet sew.

**Dwar jekk il-pensjoni nħadmitx sew**

12. Loġikament, il-qorti għandha l-ewwel tqis jekk din il-kawża tressqitx tard. Kif ser naraw, ir-risposta tal-qorti għal dan il-punt hi iva u le. Dan ifisser li xorta hu meħtieġ li tqis il-mertu. U billi dak li jinteressa lill-attur hu l-mertu, il-qorti sejra tqisu l-ewwel.

*Il-każ tas-sur Burlo*

13. Is-sur Burlo jagħmel il-każ tiegħu b'dan il-mod. Il-paragrafu riprodotti huma min-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu:

> 5. Waqt l-impjieg tieghu fl-Ufficcju tal-Awditur Generali, mal-"paga" l-esponenti kien intitolat u fil-fatt kien jircievi dik li fil-Ftehm Kollettiv datat 6 ta' Novembru, 2009 - Dok A - (li jkopri il-zmien mill-1 ta' Jannar, 2008 sal-31 ta' Dicembru, 2012) kienet tissejjah "Responsibility Allowance" – ara pagna 39 tal-Ftehim Kollettiv, a folio 25 tal-process. Din l-hekk imsejha "Responsibility Allowance" fis-sustanza mhi xejn hlief parti integrali mis-salarju ghall-post li l-esponenti kien jokkupa.
>
> 6. Fil-fatt l-esponenti kemm qabel kif wkoll wara li dahal fis-sehh il-Ftehim Kollettiv kien jaghmel l-istess xoghol u kellu l-istess responsabilitajiet u doveri li kien jaghmel qabel ma dahal fis-sehh dan il-Ftehim Kollettiv (ara xhieda ta' Charles Deguara li nghatat fil-11 ta' Otturbu, 2024). Ir-Responsibility Allowance ma thallsitx minhabba li l-esponenti kellu xi dmirijiet jew responsabilitajiet godda, izda minhabba li baqa' jaghmel l-istess xoghol bl-istess responsabilitajiet u dmirijiet. Lanqas ma kienet din ir-Responsibility Allowance marbuta ma xi zmien temporanju, ovvjament, bhal kull kundizzjoni u patt iehor fil-Ftehim Kollettiv, hlief ghaz-zmien effettiv tal-istess Ftehim Kollettiv, u dan bhal kull kuntratt a termine iehor.

[9] Ara paġni 29 - 33

7. Il-paragrafu a pagna 39 tal-Ftehim Kollettiv intestat "Responsibility Allowance" juri bic-car li din l-hekk imsejha allowance hija parti integrali mis-salarju u inghatat bhala "By way or market correctivity measure and in view of the special nature of the duties involved".

8. Ghalhekk l-esponenti isostni li dini r-"Responsibility Allowance" kellha tigi kkunsidrata bhala hlas pensjonabbli u ghalhekk kellha tigi kkunsidrata bhala parti mis-salarju tieghu li fuqha tinhadem il-pensjoni tat-tezor, kif ukoll il-"gratuity". Fil-fatt l-esponenti kkommuta parti mill-pensjoni f'gratuity, kif jaghmlu tant ufficjali ohra mal-Gvern.

u ukoll:

24. Kif gja inghad ir-responsabilitajiet, dmirijiet, u *job description* tal-esponenti (bhala *Audit Manager*) meta dahal fis-sehh il-Ftehim Kollettiv baqghu l-istess bhal qabel. Ir-*Responsibility Allowance* tirrifletti is-suq (tant hu hekk li imsejha "*market correctivity measure*"), jigifieri hija mezz ta' kif izzid il-paga minghajr ma ssejhilha zieda, u hija marbuta man-natura specjali tax-xoghol imwettaq fl-NAO minn kull impjegati tal-NAO, xoghol li ma tbiddilx meta dahal fis-sehh il-Ftehim Kollettiv. Ma tiddependi fuq xejn aktar. Inoltre' jigi ccarat illi l-esponenti ma assuma ebda responsabilitajiet godda jew addizjoinali jew aktar oneruzi minn dawk li kienu qabel ma kien applikabbli l-hlas ta' l-hekk imsejha "Responsibility Allowance". Ix-xoghol, id-dmirijiet, u r-responsabilitajiet baqghu l-istess.

25. Illi l-esponenti ghalhekk jissottometti illi dak li l-Ftehim Kollettiv isejjahlu bhala "Responsibility Allowance" ma huwa xejn hlief parti integrali mis-salarju tieghu ghar-responsabilitatijiet tieghu, li kemm qabel id-data ta' effett tal-Ftehim Kollettiv kif ukoll wara d-dhul fis-sehh kienu l-istess. Dan hu konfermat mix-xhieda ta' Charles Deguara, Awditur Generali li nghatat fil-11 ta' Ottubru, 2024.

26. Inoltré jigi rilevat illi fil-kaz tal-komputazzjoni tal-pensjoni ta' Joseph Galea (Awditur Genrali rtirat) l-*allowances* kollha li dan kien jircievi gew ikkunsidrati bhala *pensionable allowances*. Dan jirrizulta minn Dok GB ezibit a folio 129 tal-process fejn testwalment jinghad "*Moreover, the allowances to which Mr Galea is entitled to as Auditor General should be considered as pensionable allowances. These allowances are the annual allowance of Lm3500 and the 15% annual allowance on the salary*". Din giet konfermata b'ittra mill-Ufficcju tal-Prim Ministru ta' Ottubru, 2008 ezibita a fol 132 tal-process, u minn kif eventwalment inhadmet il-pensjoni kif jidher a folio 183 u 184 tal-process. L-istess prassi giet segwita fil-kaz ta' Anthony Mifsud (ara folio 266 tal-process).

27. Kif gja inghad qabel mill-korrispondenza bejn l-Awditur Generali u d-Dipartiment (ara folios 280 sa 283 tal-process) li hadmet il-pensjoni tal-esponenti jidher car illi d-Dipartiment qed isostni li r-"Responsibility Allowance" mhiex parti mill-hlas pensjonabbli u dan ghaliex ma tinkwadrax fit-terminu ta' "Personal Allowance". Da part tieghu l-Awditur Generali kif ukoll l-esponenti qed isostnu illi r-"Responsibility Allowance" hija parti integrali mis-salarju u cioé "*that an allowance paid for the responsibility shouldered by the employee in the course of performing his duties is nothing short of remuneration for services rendered and must therefore be considered in this light as an intrinsic part of his salary and consequently pensionable. This responsibility allowance ... ought to be distinguished from other allowances that are granted for the performance of a specific job such as travel allowance, telephone allowance and other allowances referred to above.*" Fi kliem iehor wiehed irid ihares lejn is-sustanza ta' dak li hija l-hekk imsejha "Responsibility Allowance": hija parti integrali mis-salarju tal-impjegat talli baqa' jaghmel l-istess xoghol mal-NAO.

28. L-intimati qed jargumentaw illi l-"Responsibility Allowance" ma tikkwalifikax bhala "*allowance* personali". L-esponenti jissottometti illi l-argument tal-intimati mhu xejn hlief depistagg. L-esponenti qatt ma sostna li r-"Responsibility Allowance" hija "*allowance* personali". Tabilhaqq mhijiex, ghax biex allowance tkun "personali" trid tkun moghtija personalment fuq bazi personali u mhiex bhal kaz in kwistjoni lil kulhadd. L-esponenti jerga' jtenni illi huwa jissottometti illi ir-"Responsibility Allowance" mhiex xejn hlief parti integrali mis-salarju anki jekk mhux hekk imsejha.

*Id-difiża tal-intimati fil-mertu*

14. L-intimati jgħidu hekk f'dan ir-rigward fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom:

31. L-ewwel nett, jgħid x'jgħid l-attur, ir-*responsibility allowance* hawnhekk ma kienet xejn ħlief konċessjoni, mogħtija unikament fil-kuntest ta' ftehim kollettiv viġenti għaż-żmien partikolari fejn inzerta li hu rtira. Billi kienet konċessjoni, ma hemm ebda element ta' permanenza fiha, u bl-istess mod li ġiet miftehma li kellha tingħata għal żmien definit, setgħet tiġi mneħħija jew reviża sussegwentement. Din in-nuqqas ta' garanzija permanenti tnaqqas mis-siwi tal-argument li l-*allowance* kienet parti integrali mis-salarju tal-attur.

32. Fit-tieni nett, imiss li jiġu mistħarġa t-tifsiriet tal-frażijiet rilevanti fil-Kap. 93. L-Artikolu 2 tal-Kap. 93 jistipula li:

> "*allowance* personali" tfisser żieda speċjali mas-salarju mogħtija personalment lid-detentur tal-kariga għal dak iż-żmien, iżda ma tinkludix dik iż-żieda jekk tkun mogħtija bħala suġġetta għall-kondizzjoni li ma tkunx pensjonabbli;
>
> "ħlas pensjonabbli" –
>
> (a) għal dak li hu servizz f'Malta jidħlu fih –
>
> (i) is-salarju,
>
> (ii) l-*allowance* personali,
>
> iżda ma jidħlux fih l-*allowance* għal xi servizz, l-*allowance* għat-trattamenti, l-*allowance* għall-kera, il-valur tal-kera frank kif stmat fis-sena, il-valur tar-razzjoni, ir-rimunerazzjoni extra, u kull dritt imħallas mit-Teżor bħala salarju jew kull xorta ta' ħlasijiet oħra;
>
> - *omissis* -
>
> "salarju" ifisser salarju li hemm stabbilit għal kariga pensjonabbli, jew meta jkun hemm provvediment biex jittieħed kont ta' servizz f'kariga mhix pensjonabbli bħala servizz pensjonabbli, is-salarju li jkun għal dik il-kariga;"

33. F'dan il-kuntest, il-kelma "salarju" ma tinkludix, kif effettivament qiegħed jargumenta l-attur, kwalunkwe ħlas addizzjonali li wieħed jista' jista' jkollu b'żieda mal-paga bażika.

34. Il-Liġi kjarament tispjega li ħlas pensjonabbli jinkludi s-salarju u *allowance* personali, u tispjega f'ċertu dettall xi tfisser *allowance* personali. Il-kliem huma sempliċi u ċari, u ma

jirrikjedu ebda analiżi profonda. Kull ma jonqos għalhekk huwa li jiġi mistħarreġ jekk ir-*responsibility allowance* tistax titqies bħala *allowance* personali.

35. Fl-umli fehma tal-esponenti, ir-*responsibility allowance* kjarament ma taqax fil-parametri tat-tifsira mogħtija fil-Liġi. Il-Liġi teżiġi li l-*allowance* tkun waħda "speċjali" u mogħtija "personalment" lid-detentur tal-kariga għal dak iż-żmien.

36. Ir-*responsibility allowance* ċertament ma hiex "speċjali". Ma hemm xejn fl-għoti tagħha li wieħed jiddeduċi li ngħatat għal xi raġuni partikolarment "speċjali". Nominalment hemm rikonoxximent tal-fatt li qed tingħata għal membri tal-NAO in vista tax-xogħol partikolari tagħhom. Però l-attur stess iwaqqa' dan l-argument meta huwa stess jikkonċedi li r-*responsibility allowance* kienet "*mezz ta' kif iżżid il-paga mingħajr ma ssejħilha żieda*".[10] Tant huwa minnu li r-*responsibility allowance* ma hi xejn "speċjali" li ngħatat lil **kull ħaddiem** fl-NAO b'persentaġġi varjati skond il-grad tal-individwu.

- *omissis* –

41. L-argumenti preċedenti dwar jekk *allowance* hiex "speċjali" jgħoddu hawnhekk ukoll. Ir-*responsibility allowance* ma ngħatatx personalment lill-attur. Anzi, mill-ftehim kollettiv joħroġ li ngħatat mhux biss lil kull *audit manager* ieħor li kien hemm fl-NAO, iżda ngħatat lil kull ħaddiem li kien impjegat mal-NAO, minn *audit managers* sal-*general hands*.

42. B'ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma hu possibbli li wieħed jgħid li għotja mogħtija lil għexieren ta' impjegati ngħatat b'mod "personali".

43. L-attur ittenta jikkumpara lilu nnifsu ma' awdituri ġenerali preċedenti, Joseph Galea u Anthony Mifsud u jagħmel l-argument li ladarba r-*responsibility allowance* tagħhom ġiet ikkunsidrata fil-komputazzjoni tal-pensjoni tas-servizz tagħhom, hu ħaqqu l-istess trattament. L-argument tal-attur iżda huwa bbażat fuq premessa fundamentalment żbaljata, għaliex qiegħed jipprova jqabbel il-pożizzjoni tiegħu bħala *audit manager* ma' dik tal-Awditur Ġenerali.

44. Bid-dovut rispett, l-attur donnu qiegħed jinsa li l-kariga ta' Awditur Ġenerali f'kull żmien partikolari hi okkupata minn **persuna waħda biss**, u li *allowance* mogħtija lil min jokkupa dik il-kariga, diment li ma hiex waħda minn dawk espliċitament esklużi mit-tifsira ta' *allowance* fl-Artikolu 2, hi fundamentalment mogħtija **personalment lil dik il-persuna**.

45. F'dan il-kuntest, il-provi miġjuba mill-attur stess li r-*responsibility allowance* ġiet ikkunsidrata fil-każijiet ta' Joseph Galea u Anthony Mifsud tagħti raġun lill-esponenti. Fil-każ ta' dawk iż-żewġ individwi, ir-*responsibility allowance* li rċevew kienet "speċjali" fis-sens li tirrifletti r-responsabbiltà unika u speċjali mogħtija mill-Kostituzzjoni li jġorr min jinħatar bħala Awditur Ġenerali. Hi personali wkoll għaliex ħaddieħor ħlief l-Awditur Ġenerali jġorr il-piż ta' dik ir-responsabbiltà, u filwaqt li wieħed jista' jirrikonoxxi li l-Awditur Ġenerali jagħmel dmirijietu bis-saħħa ta' impjegati fosthom nies bil-kariga li kien jokkupa l-attur, fl-aħħar mill-aħħar persuna waħda biss tista' tokkupa dik il-kariga fi żmien partikolari u r-responsabbiltajiet kollha tal-NAO jaqgħu f'ħoġru; *the buck stops with him*.

46. Huwa f'dak il-kuntest li r-*responsibility allowance* ta' Joseph Galea u Anthony Mifsud ġiet ikkunsidrata fil-kalkoli tal-pensjonijiet rispettivi tagħhom, għaliex ġustament u fuq kollox, **legalment**, huma ġarrew responsabbiltajiet uniċi li ħaddieħor ma ġarrx, u għalhekk

[10] Ara paragrafu 24 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.

waqt li okkupaw dik il-kariga ngħataw *allowance* li tista' tissejjaħ kemm speċjali u kif ukoll personali.

47. L-istess ma jistax jingħad fil-kuntest tal-attur li ngħata *responsibility allowance* li ngħatat lil kull ħaddiem ieħor fl-NAO mingħajr distinzjoni, u li hu stess jikkonċedi li ma kienitx waħda speċjali.

*L-analiżi tal-qorti*

15. L-intimati rrispondew fit-tul (ara para. 41 sa 47 tan-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom riprodotti hawn fuq) għal argument li s-sur Burlo ma ressaqx. Is-sur Burlo jgħid b'mod skjett li hu ma jsostnix li r-*responsibility allowance* hi *allowance* personali: "[t]abilhaqq mhijiex", jgħid, "ghax biex allowance tkun 'personali' trid tkun moghtija personalment fuq bazi personali ..."[11] Għalhekk il-qorti m'għandhiex għalfejn tqis dan il-punt.

16. Il-każ tas-sur Burlo hu li dik li tissejjaħ *responsibility allowance* mhix, fil-fatt, *allowance* imma parti integrali mis-salarju tiegħu. Fi ftit kliem jgħid li l-*allowance* kienet żieda fis-salarju, mogħtija isem ieħor. Bħala tali trid tidħol bħala "ħlas pensjonabbli" taħt para (a)(i) tat-tifsira ta' dak it-terminu, u mhux taħt para. (a)(ii) tiegħu.

17. Kif rajna, is-sur Burlo isostni din it-teżi billi jgħid li x-xogħol u r-responsabbiltajiet tiegħu qabel u wara li daħal fis-seħħ il-Ftehim Kollettiv baqgħu l-istess; li l-*allowance* ma kienitx għal żmien temporanju ħlief għaż-żmien effettiv tal-ftehim, bħal kull kuntratt ieħor b'terminu; u li d-deskrizzjoni tal-*allowance* hi fis-sens li kienet miżura korrettiva u miżura biex tkopri n-natura speċjali tar-responsabiltajiet involuti.

18. Il-qorti tista' anki tifhem l-argument tas-sur Burlo li l-fatt li x-xogħol u r-responsabiltajiet ma nbidlux jindika li l-*allowance* kienet maħsuba bħala ħlas addizzjonali li, għalhekk, jista' anki jingħad li kienet żieda mas-salarju. Dan joħroġ anki mid-deskrizzjoni tal-*allowance.*

---

[11] Nota tal-osservazzjonijiet tas-sur Burlo, para. 28. Intqal mill-konvenuti li Udituri Ġenerali ġew trattati mod ieħor għaliex l-*allowances* tagħhom kienu personali: ara nota tal-osservazzjonijiet tagħhom, para. 44 - 46. L-argument mhux konvinċenti: l-*allowances* tagħhom kien marbuta mal-uffiċju li kienu jokkupaw, mhux mal-persuna tagħhom.

19. Imma żieda mas-salarju mhix neċessarjament żieda fis-salarju.

20. Il-Kap. 93 jiddefinixxi t-terminu salarju, iżda d-definizzjoni hi kemxejn tawtoloġika: "'salarju' ifisser salarju li hemm stabbilit għal kariga pensjonabbli ...".[12] F'liġijiet oħra, perżempju il-Kap. 452, it-terminu relevanti jingħata tifsira differenti. F'dik il-liġi t-terminu użat hu 'paga' u mhux 'salarju', u hu definit bħala li "tfisser rimunerazzjoni jew qligħ ... u tinkludi kull *bonus* ... minbarra kull *bonus* jew *allowance* relatati mal-esekuzzjoni tax-xogħol jew mal-produzzjoni". Li kieku kienet tapplika din it-tifsira, is-sur Burlo kien (forsi) ikollu raġun, għaliex l-*allowance* in kwistjoni ma tidhirx li hi marbuta mal-esekuzzjoni tax-xogħol jew mal-produzzjoni.[13] Iżda billi, għall-finijiet tal-Kap. 93, it-terminu 'salarju' m'għandux tifsira speċjali, il-qorti trid tagħtih it-tifsira ordinarja tiegħu, jiġifieri l-paga fissa miftiehma bħala tali.

21. Din il-konklużjoni hi msaħħa meta wieħed iqis li l-Kap. 93 jagħmel distinzjoni bejn is-salarju, mifhum fis-sens ordinarju, u ħlasijiet oħra, fosthom *allowances*. Filwaqt li, kif rajna, liġijiet oħra iqisu (xi) ħlasijiet oħra bħala parti mis-salarju, mhux hekk il-Kap. 93. Għall-finijiet ta' din il-kawża, il-Kap. 93 jgħid li huma biss *allowances* personali (esklużi uħud minnhom)[14] li huma pensjonabbli. Issa għalkemm l-għodda ta' interpretazzjoni *a contrario* għandha tintuża b'ċirkospezzjoni, f'dan il-każ hu diffiċli li tiġi evitata l-konklużjoni li *allowances* li mhumiex personali u anki ħlasijiet oħra (pereżempju *bonuses* u ħlas għal *overtime*) m'għandhomx jitqiesu pensjonabbli. Dan għaliex hu ċar li f'dan il-każ il-lista – li fiha biss is-salarju u *allowances* personali – hi magħluqa; u li t-terminu 'salarju' għandu jinftiehem kif ingħad.

---

[12] Artikolu 2(1)

[13] Jingħad forsi għaliex it-tifsira hi miktuba b'mod stramb. Tinkludi kull *bonus* imma ma tinkludix *allowances*; iżda ċerti *bonuses* u *allowances*. Wieħed għalhekk irid jagħmel ġinnastika mentali biex jasal għall-konklużjoni li *allowances* – ħlief għal dawk esklużi – huma inklużi. Ara ukoll l-artikolu 381(1)(a) tal-Kap. 12 għal tifsira differenti ta' 'salarju' u 'paga'.

[14] Għandu jingħad li dawn l-eċċezzjonijiet mhumiex relevanti għal, u jistgħu anki jfixklu, l-analiżi li trid issir hawn. Dan għaliex l-eċċezzjonijiet huma għal *allowances* personali, mhux eċċezzjonijiet għal *allowances*.

22. Issa l-Ftehim Kollettiv ukoll jagħmel distinzjoni bejn dak li hu salarju, u dawk li huma *allowances*. Il-qorti ma tistax tinjora din id-distinzjoni miftehma għaliex, kif inhu suġġerit u forsi anki minnu, l-*allowance* in kwistjoni kienet forma ta' remunerazzjoni żejda mogħtija tikketta differenti. Dan għaliex it-trattament tal-*allowances* bħala ħlas separat mis-salarju kien miftiehem b'mod espress, bil-konsegwenzi kollha li tali ftehim iġib miegħu, fosthom li l-ħlas jista', bil-liġi, jitqies bħala parti mis-salarju għal xi finijiet, imma mhux oħrajn, b'mod partikolari mhux għall-finijiet tal-kalkolu tal-ħlas pensjonabbli.[15] Dan hu għaliex il-Ftehim ma sarx fil-baħħ: sar fil-kuntest tal-liġijiet tal-pajjiż li, kif rajna, jagħtu tifsiriet differenti għal finijiet differenti. Li kieku l-qorti kellha tilqa' t-teżi tas-sur Burlo, tkun qed tbiddel il-ftehim, mhux tattwah.

23. Għalhekk, il-qorti tqis li t-teżi tas-sur Burlo hi żbaljata.

**Dwar jekk is-sur Burlo kienx tilef id-dritt t'azzjoni**

24. Għalkemm il-qorti tista' anki tieqaf hawn, tqis li jista' jkun utili, anki għaliex il-punt hu forsi ta' xi interess ġenerali, li tgħid kelmtejn dwar id-difiża tal-intimati li l-kawża tressqet tard.

25. Din id-difiża hi marbuta ma kif l-intimati jgħidu li għandha tinftiehem din il-kawża. Fil-fehma tagħhom, dak li għamel id-Dipartiment responsabbli għall-kalkolu[16] kien "egħmil amministrattiv", skont it-tifsira mogħtija lil dak it-terminu fis-subartikolu (2) tal-artikolu 469A tal-Kap. 12. Jgħidu li jiġi b'hekk li r-rimedju tas-sur Burlo kien skont dak l-artikolu; u jifhmu din il-kawża bħala kawża mibnija fuq dak l-artikolu, anki jekk ma jissemmiex l-artikolu, u irrispettivament minn dak li jgħid issa s-sur Burlo. Dan l-argument jagħmluh bħala preambolu biex jgħidu li skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 469A, kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv bħal dak in kwistjoni kellha ssir fi żmien sitt xhur minn

[15] Kif sewwa jgħidu l-intimati, ma hemm l-ebda garanzija li l-*allowance* in kwistjoni kienet sejra tibqa' hemm wara l-iskadenza tal-Ftehim Kollettiv, jew li kienet sejra tibqa' l-istess. Ma hemm ebda protezzjoni legali għall-*allowance* li, kif miftehma, kienet għal żmien determinat.

[16] Fiż-żmien għalihom relevanti, id-Dipartiment tat-Teżor: ara t-tieni eċċezzjoni, paġna 30

meta l-attur sar jaf b'dak l-egħmil.[17] Hu ċar li, fattwalment, is-sur Burlo ilu jaf bil-kalkolu tal-inqas mis-sajf tal-2010.

26. Is-sur Burlo jilqa' għal din id-difiża billi jgħid li din mhix kawża għal stħarriġ ġudizzjarju imma " ... azzjoni sabiex jigi stabbilit u enfurzat dritt sostantiv moghti mill-ligi lill-esponenti ... hija kawza dwar hlas ta' dritt monetarju, dritt sostanzjalment ta' natura civili ..."[18]

27. Jekk għandhom raġun l-intimati li din hi kawża għal stħarriġ ġudizzjarju, ma jsegwix li ma setgħetx titressaq validament għall-futur u għas-sitt xhur ta' qabel ma tkun tressqet. Dan għaliex kull darba li titħallas il-pensjoni, isir egħmil amministrattiv li jista' jiġi attakkat.

**Difiżi oħra**

28. Billi l-qorti sejra tiċħad it-talbiet, u billi l-ispejjeż ser ikollu jħallashom is-sur Burlo, ma hemmx il-ħtieġa li tqis id-difiżi preliminari tal-intimati.

**Deċiżjoni**

Għar-raġunijiet mogħtija, il-qorti tiċħad it-talbiet. L-ispejjeż iħallashom is-sur Burlo.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

---

[17] Dan hu sunt sa' fejn hu relevanti għall-finijiet ta' din il-kawża.
[18] Ara nota tal-osservazzjonijiet tas-sur Burlo, para 18; ara ukoll para 19 u r-referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'*Lombardo v Italia* (Applikazzjoni Numru 12490/86) deċiża fis-26 ta' Novembru 1992.